# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

GHARGHUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tad-disa u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Il-Kunsillier M. Mifsud ma attendiex peress li jinsab imsiefer.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 58**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien inghata s-somma ta' € 20,676.87 u l-iffirmar tal-ftehim kien ser isir ghada. Gie unanimament deciz li l-bankijiet jinxtraw minghand l-M.S.D. wara li ssir laqgha maghhom u nistabbilixxu kemm idumu sabiex ilestu l-bankijiet minn meta naghmlu l-ordni. Gie unanimament deciz ukoll li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xiri u nstallazzjoni ta' fanali dekorattivi.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li ghada l-Erbgha kienet ser issir laqgha fuq il-post ma' ufficcjali mill-MEPA.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku informa li l-W.S.C. kienu ghadhom iridu johorgu l-L.A. lil-Bitmac Ltd. dwar ix-xoghol fuq il-*main sewer* filwaqt li l-ADT kienet waslet biex tohrog il-permess ghax-xoghlijiet f'din it-triq. Gie deciz li l-Kunsill ikompli jsegwi mill-qrib l-izviluppi.

**3.4** ***Para 3.4 – Jum il-Gharghur 2009:*** L-Agent S.E. ipprezenta rendikont ta' l-ispejjez minfuqa waqt id-diversi attivitajiet konnessi ma' Jum il-Gharghur 2009 u dawn gew approvati unanimament. Il-Vici Sindku nforma li kien hemm bzonn li jsir hlas ta' € 30 lil Greenfields peress li kien ikkwota l-prezz hazin. Dan gie approvat.

**3.5** ***Para 3.5 – Ftuh ta' xelter:*** Is-Sindku fakkar li d-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter kienet ser tigi diskussa waqt il-laqgha ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Chris Said ghada. Gie unanimament deciz li malli l-Kunsill jikseb id-devoluzzjoni, ghandha ssir sejha ghall-offerti ghall-bieba li taghti access ghax-xelter, tindif u installazzjoni tad-dawl.

**3.6** ***Para 3.11 – Fanali Dekorattivi****:* Gie unanimament deciz li jingiebu kwotazzjonjiet minghand kuntratturi ohra sabiex jirrangaw il-fanali dekorattivi u jibdlu l-bozoz meta dawn jinqatghu.

**3.7** ***Para 3.12 – Management Letter u Audited Accounts****:* Is-Sindku nforma li filwaqt li sar xi progress dwar l-*Management Letter*, ghadna qed nistennew kjarifiki dwar l-*Audited Accounts* u ghalhekk gie unanimament deciz li ssir laqgha ma' l-Awdituri.

**3.8** ***Para 5.2 – Xoghlijiet fi Triq Kromb il-Bahar*** *:* Is-Sindku nforma li wara talba mill-Kunsill, ghada kienet ser issir *Site Inspection* mill-*Enforcement Officer* tal-MEPA fuq is-sit fejn qed isir zvilupp vicin Kromb il-Bahar. Il-MEPA ser tintalab tikkonferma li x-xoghoijiet kollha li qed jitwettqu huma koperti bil-permess skond il-ligi.

**3.9** ***Para 5.4 – Parking Bay fi Triq Naxxar::*** Is-Sindku spjega li jidher li l-Kunsill ma kienx fehem ezatt l-ilment imressaq fl-ahhar laqgha u wara li spjega ezatt l-ilment, gie unanimament deciz li ghandha ssir *parking bay* bl-isfar fuq il-post kif mitlub originarjament.

**3.10** ***Para 6.2 – Organizzazjoni ta'Attivitajiet :*** Il-Vici Sindku informa li hu ghad irid jaghmel laqgha mal-Kappillan dwar il-possibilita' li jigu organizzati attivitajiet flimkien mal-Parrocca.

**3.11** ***Para 7.2 – Career Break – S.E.****:* Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien informa lis-S.E. li l-Kunsill kien approva t-talba taghha ghal *Career Break* ta' 5 snin.

**3.12** ***Para 7.3 – Bring-In Site*** *:* Is-Sindku nforma li wara diversi rapporti lill-WasteServ, il-problemi li kellna gew solvuti u prezentament il-kuntrattur il-gdid qed jiehu hsieb it-tbattil tal-*Bring-In Site* fuq bazi regolari.

**3.13** ***Para 7.4 – Festa San Bartilmew 2009*** : Is-Sindku nforma li hafna mill-bejjiegha tal-kiosks kienu diga gew sabiex igeddu l-permess. Gie unanimament deciz li l-Kunsill iqabbad l-iscammel sabiex tiehu hsieb il-garr tal-materjal li jingabar mill-kenniesa nhar il-festa (f'2 okkazjonijiet) kif ukoll li jingieb is-servizz ta' kenniesa. Gie approvat ukoll li l-Kunsill jikri 8 *bins* kbar minghand id-Dipt. ta' l-Indafa Pubblika sabiex fihom jintefa l-iskart mill-pubbliku. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li ma jinhargux permessi ghall-attivitajiet hlief ghal dawk li saru fis-snin precedenti. Rigward it-talba ta' VSB Radio sabiex iwaqqaf tinda fi Triq l-Oratorju sabiex ixandar minnha matul il-gimgha tal-festa, l-Kunsill unanimament ma qabilx peress li din hi triq tal-Purcissjoni u offra li l-VSB Radio juza l-ufficcju l-antik tal-Kunsill fi Triq San Bartilmew. Gie unanimament deciz ukoll li flok jitqieghed bukkett fjuri quddiem l-istatwa ta' San Bartilmew tinghata donazzjoni ta' € 60 lill-Kapillan ghal-gbir li jkun qed isir matul il-festa.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa llum. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha izda ddecieda li dak nru 16 lis-Socjeta Filarmonika San Bartilmew ghandha titnaqqas minnu s-somma ta' € 113 peress li dan l-ammont huwa s-sehem tas-Socjeta fl-attivita' tal-Huggiega ta' San Gwann skond kif ikkonferma l-Kunsillier P. Fenech.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Ilment dwar qurdien li qed jispicca fi propjeta privata mill-hafna klieb li hemm jiggerrew fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki. Is-Sindku nforma li kien diga sar rapport lid-Dipartiment koncernat u ghada l-Erbgha kienet ser issir spezzjoni minn ufficcjali minn dan id-Dipartiment fl-inhawi. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu mad-Dipt tas-Sahha Pubblika kif ukoll ninsistu sabiex dawn il-klieb jingabru.

**5.2** Talba verbali sabiex isir *Yellow Line* fil-bidu ta' Sqaq Warda (hdejn l-Ufficcju PN) kif ukoll fit-tarf l-iehor fejn it-triq taghqad ma' Triq Dimitriju Farrugia peress li allegatament vetturi qed jostakolow l-access ghal din it-triq. Dan kollu gie unanimament approvat.

**5.3** Talba sabiex isir aktar tindif fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie deciz li l-Kunsill jaghmel iktar pressjoni fuq il-kenniesa sabiex din it-triq titnaddaf fuq bazi regolari.

**5.4** Diversi talbiet sabiex jigi eliminat il-parkegg ta' vetturi fi Triq il-Kbira kif ukoll talbiet ohra sabiex il-parkegg ma jigix eliminat ghall-kollox. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jevalwa s-sitwazzjoni issa li saru d-*Double Yellow Lines* approvati fil-laqgha precedenti u li jekk jinhass il-bzonn is-suggett jerga jitqajjem waqt laqgha ohra. Sadanittant ghal talbiet sabiex id-*double yellow line* li sar jitnehha, l-Kunsill unanimament ma jhossx li dawn it-talbiet huma gustifikati. Gie unanimament deciz ukoll li r-residenti li ghandhom il-*pots* fit-triq fejn saru dawn il-*markings* jintalbu jnehhuhom.

**5.5** Talba sabiex jitnehha l-parkegg li hemm ghall-muturi fi Triq Karmnu Zarb peress li allegatament dan qed jintuza minn karozzi u mhux minn muturi. Il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba peress li jhoss li mhux wahda gustifikata.

**5.6** Talba sabiex il-*parking bay* tal-Pjazza tad-Dejma titnehha jew tibda tintuza biss nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba peress li jhoss li mhux wahda gustifikata.

**5.7** Talba sabiex titranga bankina fi Triq Caravaggio peress li din thaffret u ma trangatx sew. Gie deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiema *attached* mal-Kunsill.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza minghand l-Ispettur Sant mill-Ghassa tan-Naxxar rigward van ipparkjat fuq *Reserved Bay* fi Triq il-Gnien, it-tnehhija ta' karru taz-zwiemel minn Triq l-Isqof Gargallo u rigward hawt tal-pjanti perikoluz li kien hemm fi Triq San Gwann u li issa tnehha mis-sid wara ntervent mill-Pulizija.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**6.3** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar attivita' li ser tinzamm nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju fejn il-Kunsilli ser jinghataw *voucher* li jissarraw f'kotba ghall-Librerija Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier P. Fenech ikkonferma li huwa kien ser jattendi f'isem il-Kunsill.

**6.4** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar sessjoni ta' informazzjoni ghas-S.E. dwar il-kuntratt il-gdid dwar il-gbir ta' l-iskart.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. ikkonferma l-attendenza tieghu.

**6.5** Korrispondenza minghand l-Onor. Seg. Parlamentari Chris Said dwar Kampanja ta' Tindif li ser tigi mnedija fil-5 t' Awwissu.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill jippartecipa.

**6.6** Korrispondenza minghand il-KNPD tikkonferma li l-pjanti ghall-latrini pubblici fi Triq San Gwann kif sottomessi mill-gdid huma approvati mill-KNPD.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza minghand id-Direttorat Ghat-Taghlim Tul il-Hajja fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dwar Korsijiet fil-Litterizmu Baziku.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill jippartecipa.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma li aktar kmieni llum kien sar thaffir fi Triq Emm. Perren minn kuntrattur imqabbad mill-Korporazzjoni Enemalta u dan minghajr il-permess tal-Kunsill. Huwa qal li kien sar rapport lill-ADT dwar dan ix-xoghol.

***Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 11 t' Awwissu 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **11 t' Awwissu 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |